MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-27 ta' Lulju, 2012

Appell Kriminali Numru. 368/2011

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Robert Attard**

Illum 27 ta’ Lulju, 2012
Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli:

F’dawn il-Gzejjer, nhar it-18 ta’ Gunju, 2007 u matul ix-xahar qabel din id-data:

1. Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond iddisposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-Licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li

jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu esklussiv tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292.1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li turi li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

2. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-Licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija, u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-usu esklussiv tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292.1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li turi li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-13 ta' Settembru, 2011 fejn il-Qorti, sabet lill-imputat hati u wara li rat l-Artikoli tar-4 u s-6 Taqsima tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikoli 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll ir-Regoli mahsuba fil-GN 292.1939, ikkundannatu ghal piena karcerarja ta' sena u nofs u ghal hlas ta' multa ta' €2,000. Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tikkundannat lill-imputat ghall-hlas ta' l-ispejjez peritali ghall-ammont ta' €1,077.74. Ordnat wkoll id-distruzzjoni tad-droga u oggetti maghha relatati.

Rat ir-rikors tal-appellant Roderick Attard pprezentat fit-13 ta' Settembru, 2011 fejn talab lil din il-Qorti sabiex tirriforma is-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabitu hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontrih in kwantu jikkoncernaw il-pussess u tirrevoka f'dik il-parti fejn gie ritenut li l-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu jew, alternattivament, tvarjaha in kwantu tikkoncerna l-piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellan, huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-ewwel aggravju jikkonsisti fil-fatt li l-Qorti tal-Magistrati wasslet ghall-konkluzjoni zbaljata meta donnha rriteniet li l-fatt li d-droga de quo kienet inxtrat bejn tlett persuni necessarjament iwassal ghall-konkluzjoni li l-esponent kien fil-pussess tad-droga kollha u ghalhekk il-pusess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Illi jibda biex jinghad li jidher car li, bil-konkluzjonijiet taghha, il-Qorti tal-Magistrati gustament tat kredibilitia` lill-verzjoni moghtija mill-esponent fix-xhieda tieghu quddiemha. Dan qed jinghad ghaliex il-verzjoni moghtija mill-esponent intuzat bhala l-pilastru tas-sentenza appellata. Infatti r-ratio decidendi giet bazata esklussivament fuq ix-xhieda tieghu. Issa fir-rigward tal-provenjenza tad-droga, l-esponent xehed hekk:

"Jiena kont qed niehu d-droga u peress li ma xtaqtx li nuri li niehu minhabba ommi kont [recte:kienu] imorru jixtruli d-droga l-hbieb. Imbghad wiehed minnha kien sab din id-droga bi prezz tajjeb, kien qalilna biha u konna ftehmna li nohorgu l-flus biex imur jixtriha hu."

Illi ghalhekk l-esponent ma kienx il-persuna li effettivament xtara id-droga. A parti l-fatt li ma hemm ebda prova li "nhar it-18 ta' Gunju, 2007 u matul ix-xahar qabel din id-data" hu kien fil-pussess ta' l-ammont kollu, anke li

kieku wiehed kellu jippresumi tali pussess, l-esponent kien semplicement fil-pussess ta’ l-ammont mid-droga li nxtrat minn haddiehor ghalih u mhux ukoll fil-pussess ta’ propjeta` ta’ terzi. Kienet ghalhekk bl-akbar rispett zbaljata l-Qorti tal-Magistrati meta wasslet ghall-konkluzjoni li l-pussess ta’ l-esponent kien *ex admissis* mhux ghall-uzu esklussiv tieghu.

Illi t-tieni aggravju jikkonsisti fil-fatt li, minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, anke jekk b’certu tigbid ta’ l-immaginazzjoni wiehed kellu jabbraccja t-tezi tal-Qorti tal-Magistrati li l-esponent kien fil-pussess ta’ l-ammont kollu tad-droga, inkluz dik mhux propjeta` tieghu, ma setgha qatt jigi njorat l-ewwel proviso tas-subartikolu (9) ta’ l-artikolu 22 ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi. Dan is-subartikolu jiddisponi hekk:

*“Id-disposizzjonijiet tal-artikoli 21 u 28A tal-Kodiċi Kriminali u d-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Probation ma jkunux applikabbli dwar xi persuna misjuba ħatja ta’ reat kif imsemmi fissubartikolu (2)(a)(i) jew fis-subartikolu (2)(b)(i):*

*Iżda meta, dwar xi reat imsemmi f’dan is-subartikolu, wara li jitqiesu c-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz l-ammont u x-xorta tal-medicina in kwistjoni, ix-xorta ta’ persuna involuta, l-għadd u n-natura ta’ kull kundanna li l-persuna kellha qabel, inkluzi il-kundanni li dwarhom tkun saret ordni taħt l-Att dwar il-Probation, il-Qorti tkun tal-fehma li l-ħati kien bi ħsiebu jikkonsma l-mediċina f’dak l-istess post flimkien ma’ oħrajn, i l-Qorti tista’ tiddeċiedi li ma tapplikax id-disposizzjonijiet ta’ dan is-subartikolu:*

*Iżda wkoll il-ħati jista’ jikseb benefiċċju għal darba waħda biss mid-disposizzjonijiet tal-proviso li jiġi minnufih qabel dan.”*

Illi am jistax ikun hemm dubju li, jekk l-espoent ghandu jitqies li kien fil-pussess ta’ l-ammont kollu tad-droga, tali pussess kien wiehed sabiex id-droga tigi kkonsmata fl-istess post ma’ ohrajn. Ghalhekk, tenut kont ta’ dan kif ukoll tac-cirkostanzi li ser jigu spjegati fl-aggravju li jmiss,

il-Qorti tal-Magistrati setghet u kellha tapplika l-beneficcju ta’ dan il-proviso u timponi piena alternattiva ghal dik ta’ prigunerija.

Illi t-tielet aggravju jikkonsisti fil-fatt li piena ta’ sena u nofs prigunerija hija gravuza tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Effettivament ma saru assolutament ebda konsiderazzjonijiet fir-rigward ta’ l-erogazzjoni ta’ piena ta’ prigunerija effettiva. Fil-verita` lanqas ma saru konsiderazzjonijiet dwar il-meritu ghajr xi kummenti dwar il-validita` ta’ l-istqarrija ta’ l-espoent, liema validita` qatt ma giet kontestata minnu. Biex ikun inghad kollox lanqas ma gie ccitat l-artikolu tal-ligi li jikkontempla r-reati li taghhom huwa kien qed jinstab hati, u cioe` r-regola 9 tan-Notifikazzjoni tal-Gvern 292 ta’ l-1939.

Illi l-fatti tal-kaz kif rizultanti mill-provi akkwiziti jwasslu ghall-konkluzzjoni, sia jekk wiehed jaqbel ma’ l-ewwel aggravju kif ukoll jekk wiehed minflok jaqbel mat-tieni aggravju, li l-piena ta’ prigunerija effettiva ma hijiex wahda tassattiva. Il-karattru ta’ l-esponent, anke fl-aghar zminijiet tal-problemi tieghu ta’ droga, qatt ma kien wiehed refrattarju u l-fedina penali tieghu tirrifletti esklussivament din il-problema li huwa kellu. Jirrizuta wkoll mill-provi li l-problema ta’ l-esponent kienet wahda akuta tant li anke tkecca mix-xoghol biex tilef opportunitajiet tajbin f’hajtu. Il-gravita tal-problema ssib konferma anke fix-xhieda ta’ Dr. Mario Scerri. Ciononostante, b’volonta` kbira f’cirkostanzi notarjament difficli, l-esponent irnexxielu jirabh dan il-vizzju ikra u strada hajtu fuq binari tajbin kif irrizulta mix-xhieda ta’ John Agius u John Testa. Huwa bl-akbar rispett kontro-producenti li f’cirkostanzi simili l-espoenent jerga` jintbghat il-habs.

Ikkunsidrat.

Fis-sena 2007 l-appellant flimkien ma persuni ohra krew appartament sabiex ikunu jistghu jabbuzaw mid-droga minghar xkiel. L-iskop kien illi l-appellant ma jinkwetax lill-genituri tieghu bil-problema li kellu li, dak iz-zmien kien jiehu bejn tnejn (2) u tliet (3) grammi eroina kulljum u f’xi

okkazjonijiet anke ftit kokaina. Darba minnhom l-appellant u l-persuni l-ohra xtraw ammont ta' droga bil-prezz ta' hames mitt (500) Lira kull wiehed. Fit-tmintax (18) ta' Gunju, 2007 il-pulizija waqfu lill-appellant meta kien qieghed jixtri gewwa San Pawl il-Bahar, akkumpanjaw lill-appellant fl-appartament imsemmi u hemmhekk instabet id-droga u gie mressaq il-Qorti biex iwiegeb ghal dawn l-akkuzi. Fl-aggravju tieghu l-appellant qieghed jilmenta illi ma ngabet l-ebda prova li d-droga li nstabet fl-appartament kien fil-pussess esklussiv tieghu, il-flat kien komuni ghal kullhadd u l-appellant me kellux jitghabba bir-responsabilta shiha tas-sejba ta' dik id-droga. Fil-fatt irrizulta li d-droga kienet inxtrat minn haddiehor, kienu tliet (3) ihbieb illi hargu hames mitt (500) Lira kullwiehed biex jixtruha. L-appellant ammetta biss ir-responsabilita ta' parti ta' dik id-droga u mhux minnu li ammetta r-responsabilta shiha taghha. Fit-trattazzjoni taghha d-difiza qajmet ukoll eccezzjoni dwar il-validita ta' l-istqarrija illi saret fl-2007 peress illi l-appellant ma kellux assistenza ta' avukat fil-bidu ta' l-arrest tieghu.

Ikkunsidrat.

Ghal dan l-ahhar ilment tad-difiza, l-Qorti taghmel referenza ghal dak illi qalet l-ewwel Qorti fis-Sentenza taghha u cioe' illi ma kienetx ser tidhol fil-meritu tal-kwistjoni fuq l-iskorta ta' decizjonijiet mill-Qorti Kostituzzjonali nmaterja, aktar u aktar meta kien l-istess appellant illi ghazel minn jeddu biex jiehu l-pedana tax-xhud u jixhed. Hawnhekk il-Qorti rrimarkat illi l-appellant ikkonferma bejn wiehed u iehor dak illi qal lill-poulizija a tempo vergine u stante din il-konsistenza l-ewwel Qorti ma kellha l-ebda raguni ghaliex kellha tiddubita mill-korrettezza ta' dak illi kien qieghed jghid l-appellant. Minn dan irrizulta car illi l-appellant kien kera l-appartament flimkien ma nies ohra esklussivament ghall-abbuz tad-droga u ex admissis kien jiehu bejn tnejn (2) u tliet (3) grammi eroina kulljum ghad illi xi kulltant kien jiehu xi kokaina wkoll. Zgur illi parti mid-droga illi nstabet fl-appartament kienet propjeta u fil-pussess ta' l-appellant peress li hu stess jghid illi hallas hames mitt (500) Lira flimkien mat-tnejn l-ohra illi hargu wkoll sehemhom ghad-

droga li kienet inxtrat kollha f'daqqa. Qal illi l-flus tal-kera kienu johorguhom bejnithom ghad illi kien hu li jmur ihallas, mentri shabu kienu jibqghu fil-karozza. Originaljament il-flat kien mikri bejn sitta (6) u kienu jmorru hemmhekk jaraw xi DVD pero' meta bdew jabbuzaw mid-droga zammewh biss dawk it-tlita (3) illi kienu jabbuzaw, l-appellant fosthom.

Ikkunsidrat.

Din il-Qorti bhall-ewwel Qorti waslet ghal konkluzjoni illi l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. L-appellant kien fil-pussess volut tad-droga pprojbita u l-ammont mixtri ma kienx jindika illi kien ghall-uzu personali tieghu, d-droga nxtrat f'daqqa ghal konsum indeterminat u ma ssib l-ebda raguni 'l ghala ghandha tiskarta l-ewwel verzjoni ta' l-appellant meta jghid illi d-droga kienet kollha tieghu. Naturalment din il-verzjoni tbidlet xi ftit meta xehed quddiem il-Qorti, u ma giex negat illi qal dawk il-kliem, biss spjega illi dan ghamlu biex ma jgibx lil shabu fl-inkwiet. Din il-Qorti ma tantx tista temmen din il-verzjoni 'l ghaliex l-appellant qatt ma zvela min kienu dawn il-persuni illi kienu qeghdin jabbuzaw id-droga mieghu u li skont hu kienu xtraw sehimhom ta' din id-droga. Il-verzjoni moghtija mill-appellant hija possibli pero' dan mhuwiex livell rikjest fil-kamp kriminali, jrid ikun hemm ghalmenu l-livell tal-probabli, x'aktarax iva milli le biex il-verzjoni ta' l-appellant tkun emmnuta. Din il-Qorti thoss illi l-appellant ma lahaqx dak il-grad u ghalhekk ghandha toqghod fuq il-verzjoni moghtija minnu a tempo vergine, liema verzjoni giet ribadita minnu stess quddiem l-ewwel Qorti, ghalhekk issib illi l-ewwel Qorti kellha ragun biex tasal ghal konkluzjoni illi waslet ghaliha.

Ikkunsidrat.

Ghal dak li jirrigwardja l-piena l-appellant illum jallega illi hareg b'success minn dan il-vizzju tad-droga wara programm ta' riabilitazzjoni tal-Caritas, jahdem bhala

accounts clerk ma kumpanija ta' Accountants prominenti u ghal Caritas sar "role model" biex jghin lill-haddiehor johrog mill-vizzju tad-droga. Ghalhekk il-piena ta' sena u nofs prigunerija hija harxa wisq meta tqis iz-zmien li ghadda u kif utilizza z-zmien illi ghadda l-habs.

Ikkunsidrat.

L-ewwel Qorti hadet ukoll dawn il-fatturi fil-konsiderazzjoni tal-piena taghha meta qieset il-progress illi ghamel l-appellant fil-mori ta' dawk il-proceduri, izda huwa principju regolatur illi mhux normali illi tigi disturbata d-deskrizzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-Ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika illi kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt (Republika vs David Vella, 14 ta' Gunju, 1999 u ohrajn). Ma hemmx dubju illi l-piena nflitta tidhol fil-parametri tal-Ligi u peress illi l-ewwel Qorti hadet il-fatturi kollha nkonsiderazzjoni qabel ma tat il-piena taghha mhux il-kaz illi din id-deskrizzjoni issa tigi disturbata.
Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-Sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------